KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 45/7/194/18

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 45

*It-Tnejn 7 ta' Mejju, 2018*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku*<br>Steven Axisa- *Vici Sindku*<br>Bernard Sean Lynch-*Kunsillier*<br>Nicholas Seychell-Kunsillier |
| **Assenti b'apoloġija**<br>(Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Roderick Spiteri-*Kunsillier*<br>Tyrone Muscat-*Kunsillier*<br>Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

1. **<u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-Kunsilliera Spiteri, Muscat u Bartolo talbu biex ikunu skużati minħabba impenji ta' xogħol. Il-membri aċċettaw li huma ikunu skużati. Il-membri aċċettaw dawn l-apoloġiji u qablu li l-membri ikunu skużati.

1.2. Dwar punt nr. 3.4 marbut mal-attività organizzata mill-Għaqda Nar u Armar Madonna ta' Lourdes, is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-attività ser issir fit-triq biswit Ġnien il-Mediterran minflok f'Telgħet Raħal Ġdid fid-dawl li Transport Malta sabgħet oġġezzjoni sabiex tingħalaq din it-triq.

2. **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 42, 43 u 44, ġew approvati *nem com.*

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1. Ittra mingħand is-Sinjura Josephine Gauci sabiex titlob permess tal-Kunsill biex isir restawr min-naħa tagħha tal-pedestall tal-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab fil-pjazzetta ta' Triq id-Dgħajjes. Il-membri aċċettaw li isir dan ix-xogħol u qalu li japprezzaw ħafna l-inizjattiva tas-Sinjura Gauci.

3.2. Ittra mingħand it-Tarxien Scout Group fejn qed jitolbu il-permess sabiex issir car wash fil-parkeġġ ta' fejn iċ-ċimiterju. Il-membri qablu li fil-prinċipju ma jsibux oġġezzjoni però qablu li għandu jinġieb permess minn Transport Malta fid-dawl li l-parkeġġ il-kbir hu amministrat mill-istess Awtorità.

3.3. Talba mill-Għaqda Mużikali Kristu Sultan sabiex issir Car Wash fi Triq il-Belt Valletta kif ukoll sabiex isir bejgħ ta' pjanti minn quddiem il-każin. Il-membri approvaw li dawn l-attivitajiet isiru. Is-Segretarju Eżekuttiv żied illi kif informa lil membri fl-aħħar ġranet, bdew jidħlu talbiet għal permessi ta' attivitajiet fil-pjazza l-ġdida u saru numru ta' kundizzjonijiet li magħhom huma marbuta dawn l-istess permessi. Il-membri qablu mal-kundizzjonijiet kif mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv u kif annessi ma' dawn il-minuti u saħqu li dawn għandom ikunu applikabbli għal kulħadd. Is-Sindku żied illi huwa ċar li dan il-Kunsill qed jaqbel li ma jsirx tisjir tal-ikel fil-pjazza u l-ikel għandu biss jisserva fil-pjazza. Kompla li kif anke ċċarat fil-kundizzjonijiet, l-iskart

m'għandux jitħalla fil-pjazza sakemm jinġabar mill-kollettur tal-iskart kif ukoll li m'għandux isir armar mal-arbli tad-dawl. Il-membri qablu ma dawn ir-rimarki tas-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi kif permissibbli bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04 qed tintalab garanzija mal-permessi tal-pjazza sabiex ikun assigurat li ma ssir l-ebda ħsara u li l-kundizzjonijiet mogħtija ikunu salvagwardati. Is-Sindku żied illi jixtieq jiċċara wkoll li kull min jarma arbli fil-pjazza għandu jinżamm responsabbli għall-għotjien tat-toqob tal-arbli. Il-membri qablu li dan għandu jitniżżel fil-korrispondenza li tingħata lil l-għaqdiet tal-festa.

3.4. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier Muscat xtaq li jippreżenta bħala korrispondenza kwotazzjonijiet marbuta ma' dawl għall fejn l-istatwa tal-Madonna ta' Triq il-Gurbell. Il-membri qablu li minflok dan id-dawl, għandu jitwaħħal wieħed mill-fanali li tneħħew mill-pjazza.

## 4. ***Audited Financial Statements***

4.1. Għal din il-parti tal-laqgħa is-Sindku stieden lil accountant tal-Kunsill is-Sinjura Angele Borg sabiex tippreżenta lil membri l-*audited financial statements*. Hawnhekk is-Sinjura Borg infurmat lil membri bit-tibdil li sar fl-istqarrijiet finanzjarji wara l-proċess tal-awditjar, liema tibdil kien wieħed tekniku u ma bidilx ir-riżultati finanzjarji tal-Kunsill. Għaldaqstant wara li iddiskutew dan it-tibdil propost il-membri qablu li japprovaw l-*audited financial statements* għas-sena 2017.

## 5. **Tismija tat-toroq**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi wara li l-Kunsill ressaq il-proposti tiegħu, kif diskuss fil-Kunsill fil-laqgħa nr. 39, membri tal-Kumitat għat-Tismija tat-toroq iddiskutew miegħu u mas-Sindku dawn il-proposti u talbu lil Kunsill sabiex iressaq b'mod uffiċjali proposti għall-akwata ta' Lourdes. Wara diskussjoni il-membri qablu li l-Kunsill għandu jipproponi dan li ġej:

5.1.1. Triq id-Dgħajjes (bejn Vjal Sir Paul Boffa u Triq Belt Valletta) – **Triq Toni Ellul (Il-Koy-Qaddief)**
5.1.2. Triq id-Dgħajjes (bejn Vjal Sir Paul Boffa u l-Ġnejna/pjazzetta) – **Triq Santa Bernadette ta' Soubirous**
**5.1.3.** Triq id-Dgħajjes (bejn Triq Windsor u Triq li nixtiequ tissemma Triq Santa Bernardette ta' Soubirous- **Triq Grech (Manuel-Benefattur) u Meli (Salvu-Imprenditur).**
5.1.4. Quddiem il-Knisja ta' Lourdes- **Misraħ il-Madonna ta' Lourdes**
5.1.5. Ġnejna fi Triq id-Dgħajjes – **Ġnejna l-11 ta' Frar**

5.1.6. Prolongament ta' **Triq Brittanja**
5.1.7. Telgħet Raħal Ġdid (bejn Triq Moll is-Shopwirghts u Triq Dom Mintoff) – **Triq l-Irvellijiet (28 ta' April 1958)**

**6. <u>Staff</u>**

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi l-impjegata approvata għall-vakanza tal-Kunsill ta' clerk fi skala 15, sabgħet xogħol ieħor sakemm ġiet approvata mill-Kunsill u għaldaqstant kellu jitkompla il-proċess għall-intervisti. Infatti is-Segretarju kompla li l-proċess tal-ingaġġ kompla għaddej u saru l-intervisti wara li l-Kunsill kien irċieva żewġ applikazzjonijiet. Minn dawn l-applikazzjonijiet sargħet intervista waħda wara li wieħed mill-applikanti irrifjuta li jattendi l-interview. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Bord tal-intervisti kien qed jipproponi li l-impjieg jingħata lis-Sinjorina Redeemera Farrugia. Il-membri approvaw.

**7. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>**

7.1. Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin għandom jibdew xogħlijiet ta' patching u bankini mill-kuntrattur tal-Kunsill fosthom fi Triq Britannja.

7.2. Is-Sindku qal li qed jagħmel pressjoni ma' Transport Malta sabiex isir xogħol ta' resurfacing f'bosta toroq li għandom bżonn l-attenzjoni immedjata, dan wara li sar ix-xogħol fi Triq il-Baċir u beda anke xogħol fit-toroq ta' taħt Vjal Santa Luċija. Fost it-toroq li hemm bżonn urġenti ta' asfalt hemm Triq Żabbar.

*Il-Viċi Sindku telaq mil-laqgħa.*

7.3. Is-Sindku ippropona li fid-dawl tan-nuqqasijiet ta' bosta kuntratturi kien qed jitlob lil membri sabiex japprovaw li l-pagamenti ta' kuntratturi li kienu qed jonqsu fl-operat tagħhom jitwaqqfu, sakemm ix-xogħol isir kif suppost. Il-membri qablu.

**8. <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri</u>**

8.1. Il-Kunsillier Seychell qal li hemm bozza tad-dawl viċin tad-dar tiegħu mhux tixgħel kif ukoll illi hemm xi ħaxix ħażin fi Triq il-Belt Valletta. Is-Sindku talab lil kunsillier Seychell sabiex kif ikollu dawn l-ilmenti jgħaddihom fl-uffiċju tal-Kunsill.

8.2. Il-Kunsillier Lynch xtaq jirrimarka illi l-monti kompla ikun ta'dannu għall-ambjent tal-madwar. Is-Sindku qal li ilhu għal bosta drabi jitkellem ma' Ministeri u Awtoritajiet sabiex is-Suq jiġi regolarizzat u dejjem qed ikun mwiegħed li dan ser isir però jibqa'

kollox kif inhu. Għaldaqstant is-Sindku żied illi ikun għaqli li issir konferenza stampa dwar dan is-suġġett sabiex ir-residenti ikunu jafu li pressjoni min-naħa tal-Kunsill qed issir. Il-membri qablu.

8.3. Il-Kunsillier Lynch xtaq jirrimarka kif għal bosta drabi il-Kunsill ma jkunx infurmat bl-attivitajiet li jkunu qed isiru fil-lokalita kif ukoll xtaq jirrimarka dwar ħafna serq li sar mill-ħwienet tal-parti ta' fuq tal-pjazza issa li din kienet magħluqa minħabba xogħolijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa kien tkellem mal-kunsill konsultattiv għan-nofsinhar ta' Malta li huwa responsabbli mill-proġett sabiex isir iktar dawl fil-madwar.

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 45 għas-somma ta' €77,694.29.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.00pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2018.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 13 ta' Ġunju 2018.

| | |
|---|---|
| **Iffirmata** | **Iffirmata** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |